Avviz Numru CCT 204/13/GB

**James Sammut**

**vs**

**Brandon Degiorgio ezercenti l-kummerc bhala Brand Aluminium**

Illum 3 ta' Dicembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2013, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf Ewro (€1,000.00), rapprezentanti l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00) li hallas ghal bieb tal-garaxx li nxtara minghand l-intimat, liema bieb kien difettuż, flimkien ma' l-ammont ta' hamsa u sebghin Ewro (€75.00) li huwa hallas lill-Ingineer sabiex jiġi stabbilit id-difett, u l-ammont rimanenti ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00) spejjez legali.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa ordna bieb tal-garaxx minghand l-intimat, liema bieb gie mwahhal fit-3 ta' Mejju 2013.

Irriżulta li dan il-bieb mill-ewwel beda bil-problemi. Imbaghad l-intimat kien mar minn jeddu u qala' l-bieb in kwistjoni fit-12 ta' Gunju 2013, u sa llum il-gurnata, ir-rikorrenti ghad m'ghandux bieb.

Ir-rikorrent qed jitlob is-somma ta' tmien mitt Ewro (€800.00) depożitu li hallas; hamsa u sebghin Ewro (€75.00) ta' l-Ingineer u spejjez ohra ta' l-avukati.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata ghar-ragunijiet segwenti:

Ir-rikorrent kien ordna bieb ta' garaxx li kellu jitwahhal bejn żewġ hitan. Huwa stqarr ma' l-intimat li kien diga' mar ghand haddiehor u dan ma aċċettax jaghmel dan ix-xoghol minhabba l-fatt li kif kellu jehel il-bieb ma kienx wiehed normali u faċli.

L-intimat kien ordna l-bieb bid-daqs speċifiku minghand il-fornitur esteru u kien hallas il-bieb bil-quddiem.

Meta wasal il-bieb hawn Malta, l-intimat kien mar ghand ir-rikorrent biex iwahhal il-bieb, fejn ir-rikorrent kien preżenti. Huwa veru li l-bieb kien gie nstallat ftit ikkrepat u riżultat ta' dan kien jinżel u jitla' bil-mod, iżda wara li l-intimat kien ghamel aġġustament zghir dan il-bieb kien jinfetah u jinghalaq tajjeb. Mhux veru li l-bieb kellu xi difett. Il-bieb in kwistjoni kull ma kellu bżonn kien ftit setting, li hija normali speċjalment meta l-post fejn kellu jitwahhal kien diffiċli.

Ir-rikorrent ipprofitta ruhu minn dan il-fatt u ma riedx ihallas il-bilanc, minkejja li l-bieb kien jiffunzjona tajjeb. Meta l-intimat ra li r-rikorrent kien se jibqa' jinsisti, kien avzah li kien se jaqla' l-bieb ghaliex ma huwiex sewwa li wara li hallas ghall-bieb u ghamel dak ix-xoghol kollu, ir-rikorrent jingannah b'tali mod li jispiċċa jżomm il-bieb ghal tmien mitt Ewro (€800.00).

L-intimat huwa lest li jerga' jwahhal il-bieb kemm il-darba jithallas il-bilanc dovut lilu. Fin-nuqqas, l-intimat lest li jżomm id-depozitu ta' tmien mitt Ewro (€800.00) ghax-xoghol li ghamel. Il-bieb m'huwiex tajjeb biex jitwahhal x'imkien iehor u ghalhekk dan huwa telf ta' flus ghaliex l-intimat hallas ghalih il-bieb.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Ir-rikorrent ezebixxa affidavit tieghu, flimkien ma' dokumentazzjoni relattiv. Ezebixxa wkoll kopja ta' email, li ġiet immarkata bhala Dok.OO.

In kontro-ezami, ir-rikorrent, bil-gurament tieghu kkonferma li l-bieb in kwistjoni kellu jkun bil-mutur u li l-qisien tal-bieb ittiehdu mill-intimat stess. Ir-rikorrent cahad illi s-'side wheel rollers' trangaw u li bl-intervent li wettaq l-intimat fuq il-bieb tejjeb is-sitwazzjoni, ghaliex il-bieb xorta kien tqil biex terfghu u ma setax jinfetah wara l-intervent tal-intimat. Ir-rikorrent ma hassx li kellu jikteb lill-intimat biex inehhi l-bieb, iżda baqa' jinsisti li jirrangah. Il-bieb bil-mutur kien jitla' biss u ma kienx jitla' bl-idejn. Ir-rikorrent baqa' jinsisiti li l-'emergency release system' ma kienitx kompatibbli mas-sistema tal-mutur 'Sommer' li gie pprovdut. Wara li gie nstallat il-bieb, huwa talab il-parir tal-Ingineer wara li kien talab lill-intimat biex jirranġa l-bieb u ha l-impressjoni li ma kienx qed jaghti kasu. Meta huwa lmenta mal-intimat dwar il-bieb, l-intimat kien qallu li l-bieb kien tajjeb u li kien kopert b'garanzija ta' ghaxar snin. Darba, ir-rikorrent kien staqsieh jekk kienx se jmur jaqla' l-bieb halli jerga' jwahhlu skond kif jghid

il-'manual', pero' minkejja li l-intimat qallu li ma kienux miftehmin, qabad u mar u f'hakka t'ghajn qala' c-cappetti u rega' wahhalhom, iżda ix-xoghol gie aghar milli kien. L-Ingineer ghamel l-ispezzjoni tieghu qabel ma l-intimat pprova jirranġa l-bieb. Wara li r-rikorrent avża lill-intimat li kien se jiftah kaz ma' tal-konsumatur, l-intimat qabad u qala' l-bieb. Ir-rikorrent cahad illi l-intimat kien wissieh illi jekk ma jhallasx il-bilanc kien se jaqlaghlu l-bieb.

Xehed Saviour Sammut, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa stqarr illi meta twahhal il-bieb tal-garaxx, ma kienx jahdem tajjeb. Il-bieb kien iebes u l-ewwel pied u nofs ma kienx jista' jittella bl-idejn. Stqarr ukoll illi l-bieb lanqas ma kien jitla' bil-mutur. Meta mar l-intimat biex jirranġa c-cappetti u r-roti, flok ma naqsu d-difetti, aktar żdiedu. Ix-xhud kien minghalih li l-intimat mar fuq il-post darbtejn biex jirranġa l-bieb. L-ahhar darba li mar, kien żied xi viti mal-bieb iżda kien kollu ghal xejn. Eventwalment darba wara nofsinhar, ix-xhud irrealizza li l-bieb kien tnehha, pero' ma ra lil hadd inehhieh.

Xehed l-Ingineer Andrea Aamato, prodott mir-rikorrent, fejn huwa ezebixxa rapport li ghamel fuq inkarigu tar-rikorrent wara li eċċeda fuq il-post fit-3 ta' Mejju 2013, fejn ikkonferma l-kontenut ta' l-istess, liema rapport gie mmarkat bhala Dok.AA; ezebixxa wkoll kopja tal-brochure tal-prodott in kwistjoni mehud mis-sit tal-kumpanija li nghata, li ġiet immarkata bhala Dok.AA1.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi huwa ingineer mekkaniku u jista' jaghmel rapporti dwar l-installazzjoni mekkaniċi kollha inklużi bibieb ta' garaxxijiet. Iċċara illi huwa ma sab l-ebda konferma illi l-mutur li gie nstallat kien oriġinali u dana l-fatt jista' jaghti lok illi l-garanzija ma tkunx applikabbli. Ghamel dan il-konstatazzjoni wara li niżżel il-brochure tal-prodott in kwistjoni mis-sit tal-kumpanija li tawh. Stqarr ukoll li l-bieb in kwistjoni kellu jiġi mmarkat bil-marka CE iżda ma kellux din il-marka. Il-prodott in kwistjoni suppost kellu tikketta illi huwa immarkat CE u li sar skond l-istandard EN13241-1, iżda din it-tikketta ma kienet tidher imkien fil-bieb in kwistjoni. Is-CE mark tinghata lill-tahlita ta' prodotti u dana jirrizulta minn normi Ewropej iżda x-xhud stqarr illi ma kienx fil-pozizzjoni li jkun jaf liema prodotti ghandhom ikollhom din il-marka jew le. Stqarr ukoll illi huwa ma sab l-ebda evidenza illi l-mutur 'Sommer' li gie nstallat fuq il-post huwa dak li suppost kellu jitwahhal. Żied jghid li dan il-mutur twahhal bil-'brackets' illi suppost intużaw biex jalinjaw ir-'rails' tal-bieb iżda minflok ma twahhlu hemm twahhlu biex iżommu l-mutur f'postu. Ix-xhud kien informa lir-rikorrent illi l-bieb gie mahdum apposta fuq il-post, madanakollu, huwa kkonstata illi l-qisien tal-bieb huma tat-tip 'standard' li jsiru mill-kumpanija Germaniza. Stqarr illi kieku l-installatur adatta ruhu sew ghac-cirkostanzi partikolari tal-bieb in kwistjon, kieku ma kienx ikollhom problemi, bhall-fatt illi l-bieb huwa kkrepat u jahbat mal-mutur. Ix-xhud huwa konvint illi l-kumpanija Germaniza ma tafx illi l-bieb qed jitwahhal b'viti neqsin u ċavetta illi twahhlet bil-welding, li skond ix-xhud, huma indikattivi ta' prattiċi hziena.

In ri-ezami, l-istess xhud stqarr illi l-problema ta' dan il-bieb ġejja mill-fatt illi ma kienx jahdem kif suppost, u li kieku kien jahdem kif suppost, kieku hadd ma kien joqod ifittex u jara l-istruzzjonijiet. Barra n-nuqqasijiet li elenka fir-rapport tieghu, kien hemm affarijiet ohra neqsin.

L-intimat ezebixxa affidavit tieghu. Ezebixxa wkoll kopja ta' brochure, li giet immarkata bhala Dok.LMC; flimkien ma' dokument iehor, li gie mmarkat bhala Dok.LMC1.

In kontro-ezami, l-intimat, bil-gurament tieghu stqarr illi l-bibien kollha huma 'customised' ghaliex kollha jkollhom l-qisien partikolari taghhom. Spjega illi l-bieb in kwistjoni ma wehilx mal-koxox ghax ma kienx hemm, iżda wehel direttament mal-hitan tal-qasma. Minhabba f'hekk, il-kwalunkwe avarji li kien hemm fil-ftuh strutturali effetwa il-mod kif jinfetah il-bieb ghax ma kienx hemm laxk. Ir-rikorrent kien wahhal żewġ 'channels' tal-azzar ta' 8cms u riedhom iwahhlu l-bieb maghhom. Skond l-intimat, il-problemi inholqu peress illi dawn ic-'channels' ta' 8cms ma kienux biżżejjed u minhabba f'hekk kien ikkrepat. Meta r-rikorrent ilmenta li l-bieb ma kienx qed jinfetah sew, l-intimat qala' c-cappetti u wahhalhom 5mm 'l ġewwa mal-'end cover', li fisser li ghamel toqob ġodda, fuq liema toqob ir-rikorrent kien ilmenta. L-intimat ikkonferma li l-mutur kien imwahhal, liema mutur gie maqlugh minn xi hadd biex jara x'tip ta' mutur hu. L-intimat ikkonferma li r-rikorrent kien jistaqsieh hafna domandi bl-emails u ma kienx jirrispondieh, pero' telefonati kien jirrispondi anzi kien icempillu hu ghax r-rikorrent ma kienx ċempel hlief darba. L-intimat cahad li r-rikorrent kien ilmenta, fil-fatt huwa kien kuntent wara li sewwew il-bieb. Mistoqsi kif irnexxielu jaqla' l-bieb, l-intimat stqarr illi huwa jaghmel dan ix-xoghol u jista' jidhol fejn irid. L-intimat ikkonferma li llum il-bieb ghadu fil-pussess tieghu, kif ukoll it-tmien mitt Ewro (€800.00) depożitu li r-rikorrent hallas. Stqarr ukoll illi huwa ma riedx jirrispondi l-emails tar-rikorrent ghaliex ma riedx li r-rikorrent ikollu xi haġa bil-miktub.

In ri-ezami, l-intimat stqarr illi ghal xahrejn ma sema' xejn. Kien iċempel lill-intimat ghall-kumplament tal-hlas, pero' hu kien jaqta' t-telefon u ghalhekk l-intimat iddeċieda li jmur jaqla' l-bieb.

Xehdet Claire Cauchi, prodotta mill-intimat, fejn fix-xhieda ġuramentata taghha stqarret illi hija tiehu hsieb ix-xoghol klerikali tal-intimat u tiehu hsieb il-kuntatti mal-klijenti. Hija ċemplet lir-rikorrent dwar hlas li kien dovut u kkonfermat illi meta twahhal il-bieb, kien thallas id-depozitu relattiv. Kienet ġiet infurmata illi meta twahhal il-bieb, l-installer ma kienx thallas ghaliex kien hemm bżonn xi aġġustamenti, liema aġġustamenti kienu mehtiega peress illi l-bieb twahhal b'mod illi ma tintilifx mid-dahla tar-rikorrent bil-konsegwenza li l-bieb kien ikkrepat iżżejjed. Wara xi tliet ġimghat li saru l-aggustamenti, ix-xhud kienet ċemplet lir-rikorrent biex tara ghalfejn il-hlas kien ghadu ma sarx, pero' r-rikorrent kien jaqta' t-telefon u ma jirrispondihiex. Hija damet ġimghat tipprova ccempillu u meta rnexxielha taqbdu u staqsietu jekk kienx hemm xi problema, ir-rikorrent kien qalilha li problemi m'hemmx u talab li jikkomunikaw mieghu bil-miktub. Ix-xhud iċċarat illi ghalkemm ir-rikorrent kien baghat xi lmenti bil-miktub qabel ma l-bieb gie aġġustat, wara li l-bieb gie aġġustat ma kienx ghamel iktar kuntatt maghhom. Wara li d-ditta Germaniza ghamlet kuntatt maghhom biex jiehdu hsieb il-klijenti taghhom, ix-xhud kienet regghat ikkuntattjat lir-rikorrent fejn huwa kien qal li l-bieb kif inhu ma riedux, pero' qatt ma semmielha l-problema. Ir-rikorrent beda jsostni li l-bieb ma riedux ghaliex ma ġiex tajjeb u kien qalilhom "ejja huduh", fejn ix-xhud kienet staqsietu x'kienet il-problema, pero' hu qatt ma qalilha x'kienet il-problema. Ix-xhud informat lill-intimat li aċċetta li jaqla' l-bieb. Ix-xhud ezebiet kopji ta' emails, li ġew immarkati bhala

Dok.CC1 u Dok.CC2; flimkien ma' dokumenti oħrajn, li ġew immarkati bħala Dok.CC3 u Dok.CC4.

In kontro-eżami, l-istess xhud stqarret illi bħal dan il-bieb twaħħlu oħrajn u qatt ma kellhom problemi bħal din. Anke bibien ikbar waħħlu. Qabel ma nqala' l-bieb, ix-xhud ġiet ikkuntattjata mid-dipartiment tal-konsumatur, fejn hija baghtet id-dokumenti mitluba u sar ftehim biex Mr Tanti mid-dipartiment jmur jara s-showroom, pero' mbagħad kien informaha li ma kienx hemm il-ħtieġa għaliex wara li kien ra l-bieb fuq il-post, kien irriżulta li kien tajjeb. Ikkonfermat illi l-bieb in kwistjoni huwa 'custom made' u li għalhekk ma jistax jintuża għal klijenti oħra.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jikkummenta dwar in-nuqqas ta' kredibbilita' tal-intimat, kif ukoll il-verzjonijiet konflingenti li rriżultaw mill-provi ta' l-istess, bħal ma huwa evidenti bejn ix-xhieda ta' Claire Cauchi u x-xhieda ta' l-intimat, fejn Claire Cauchi, in eżami, stqarret: *"L-attur beda jsostni li l-bieb ma riedux għax ma ġiex tajjeb u qalilna biex naqalgħuh "ejja huduh"......Jiena infurmajt b'dan lis-sur Degiorgio li aċċetta li jaqla' il-bieb."*, pero' imbagħad l-intimat, in ri-eżami, stqarr: *"Għal xahrejn ma smajna xejn. Konna nċemplulu biex iħallas il-kumplament u hu kien jaqtalna it-telefon u għalhekk iddeċidejt li mmur naqalgħu."* It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, u anke b'referenza għar-rapport tal-Ingineer Andrea Amato, immarkat bħala Dok.AA u eżebit in atti, fejn ġie kkonstatat: *"One cannot state that the system is fit for function........From the inspection carried out on site and the information provided by the manufacturer it appears that several points in the installation manual were not followed."* illi l-intimat naqas fis-servizz tiegħu lejn ir-rikorrent konsumatur. It-Tribunal jieħu in konsiderazzjoni wkoll, il-fatt illi l-intimat ddecieda li jieħu l-ligi b'idejh meta ħa lura l-bieb in kwistjoni mingħajr il-kunsens tar-rikorrent, liema bieb għadu jinsab fil-pussess ta' l-intimat sa l-ġurnata ta' llum. Illi madanakollu, fuq l-ammont mitlub mir-rikorrent, ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ispejjez tal-Ingineer, allegatament ammontanti għal ħamsa u sebgħin Ewro (€75.00); u rigwardanti l-ammont rimanenti ta' mija ħamsa u għoxrin Ewro (€125.00), inkluzi fl-ammont mitlub, dawn ma jiffurmawx parti mis-sorte, pero' jirrapprezentaw spejjez legali. Illi għalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**